# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 35

Data tal-laqgħa: 7 ta' Novembru, 2025

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar il-Ġimgħa 7 ta' Novembru 2025, fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Mariah Meli |
| Viċi Sindku | Francesca Attard (SKUŻATA) |
| Kunsillieri | Christopher Fenech<br>Helen Gauci<br>Marilena Galea |
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Jeanette Galea |

Il-laqgħa bdiet fil-5:35p.m. billi ntqalet it-talba.

### 35/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**35/01/01** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, infurmat li dan il-Kunsill kien irċieva ittra t'apoloġija mingħand il-Viċi Sindku, is-Sa Francesca Attard, sabiex tinforma li ma setatx tkun preżenti għal din il-laqgħa minħabba raġuni ta' saħħa.

**35/01/02** Il-Kunsilliera preżenti approvaw din l-ittra t'aploġija

### 35/02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**35/02/01** Il-Minuti tas-seduta numru 31 li nżammet nhar it-Tlieta 30 ta' Settembru 2025, minuti tas-seduta numru 32 li nżammet b'urġenza nhar l-Erbgħa 8 t'Ottubru 2025, minuti tas-seduta numru 33 li nżammet b'urġenza nhar l-Erbgħa 8 t'Ottubru 2025, u minuti tas-seduta 34 li nżammet nhar l-Erbgħa 29 t'Ottubru 2025 kienu meħuda bħala moqrija.

**35/02/02** Il-Minuti kienu approvati fuq proposta mill-Kunsillier, is-Sur Christopher Fenech, sekondat mill-Kunsilliera, is-Sa Helen Gauci.

**35/02/03** Is-Sindku spjegat kif bħala punti mqajmin mill-minuti preċedenti, hi infurmat kif il-kuntrattur tal-ġbir ta' l-iskart kien infurmat li t-tibdil fil-ħin ser tkun qed tibda minn nhar it-Tnejn 1 ta'

Diċembru 2025 u kif kienu ġew karti ta' notifikazzjoni ppreparati mir-Reġjun u li ser ikunu qed jiġu mqassma mill-Maltapost. Hi qalet ukoll kif l-avviż kien ukoll irriklamat fuq il-paġna ta' Facebook u anke tqassim tal-flyers fil-ħwienet lokali.

**35/02/04** Is-Sindku infurmat kif nhar l-Erbgħa 15 t'Ottubru 2025 dan il-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mingħand is-Sa Dorianne Diacono dwar l-iskemi:

- SPI/SCI/4/2025 – espressjoni ta' Interess – Milied 2025 – fejn infurmat li l-kjarifika kienet ġiet aċċettata. Is-Sindku infurmat kif id-differenza ta' ħlas ser jittieħed mill-fondi mgħotija mir-Reġjun Lvant fejn kien ħareġ skema finanzjarja sabiex jgħin fl-ispejjeż marbuta mal-Milied.

- SPI/SCI06/2025 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali – fejn infurmat kif il-kjarifika ser tkun qed għaddi għand il-bord għax għada għaddejja l-evalwazzjoni. Is-Sa Meli spjegat kif il-kjarifika kienet fuq il-ħlas tad-differenza li l-Kunsill għandu bżonn joħroġ peress li ma jistgħux jinħarġu ammonti mill-kontijiet tal-bank u b'hekk il-Kunsill m'għandux minn fejn isosstni l-persentaġġ meta l-iskema ma tkunx iffinanzjata kollha. Hi fakkret kif għal dan il-proġett, il-Kunsill kien applika għall-ġonna tal-ponot f'*Top of The World* u kif għad-differenza fil-ħlas kienet qed tingħaqad mal-Kunsill l-Aġenzija, Ambjent Malta biex b'hekk id-differenza ser tkun qed tiġi koperta.

- SPI/SCI07/2025 - Finanzjament: Komunitajiet Aktar b'Saħħitom u ta' Kwalità – fejn infurmat li l-estensjoni kienet ġiet approvata sa nhar il-Ġimgħa 24 ta' Ottubru 2025. Hi fakkret kif għal din l-iskema, il-Kunsill kien applika sabiex ikun jistà jinxtara vann għall-Kunsill u biex forsi anke tkun koperta l-ħlas tax-xufier. Peress li din hemml-istess problema minħabba l-persentaġġ li jrid jinħareġ ukoll mill-Kunsill. Hi spjegat kif sandanittant din l-idea kellha titwaqqa peress li nħarġet ukoll l-iskema finanzjarja mill-Aġenzija, LESA.

**35/02/05** Is-Sindku għamlet referenza għas-sejħa għal ġbir ta skart goff li kienet inħarġet nhar it-Tlieta 4 ta' Novembru 2025 fuq is-sistema ta' l-epps - CFT: Services – Collection of Bulk Refuse from the Locality of Għargħur using Low Emission Transport. Hi spjegat kif il-kuntrattur li jipprovdi dan is-servizz fil-preżent ġie notifikat mid-DSE permezz ta' emejl u kif għal din ir-raġuni l-Kunsill għandu bżonn jaħtar bord li ser ikun fuq l-evalwazzjoni.

**35/02/06** Kien hemm qbil li l-bord ikun kompost mis-Sindku bħala Chairperson, u mis-Sa Francesca Attard, is-Sur Christopher Fenech u s-Sa Helen Gauci.

## 35.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

**35.3.1** Is-Sindku infurmat lill-Kunsill kif nhar l-Erbgħa 29 ta' Ottubru 2025, dan il-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mingħand il-Kunsill Reġjonali Lvant dwar skema finanzjarja tar-Reġjun 2025 wara li din ġiet ippreżentata u approvata fil-laqgħa tar-Reġjun li nżammet nhar it-Tlieta 28 ta' Ottubru 2025. Hi spjegat kif il-Kunsill jistà jibbenefika minn fondi sa massimu ta' €4,000.00 u għal din ir-raġuni hi nfurmat kif dawn ser ikunu qed jintużaw biex ikopru l-ispiża tad-differenza ta' l-iskema tal-Milied maħruġa.

**35.3.2** Is-Sindku infurmat ukoll kif waqt il-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Lvant li nżammet nhar it-Tlieta 28 ta' Ottubru 2025, kienet ġiet imħabra skema finanzjarja ta' €15,000 lil kull Kunsill Lokali. Hi spjegat kif il-Kunsill qed jiġi mitlub iressaq proġett (idealment tanġibli) u li jħalli legat fil-komunità. Din il-proposta trid tiġi mressqa fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss li ser tinżamm nhar it-Tnejn 17 ta' Novembru 2025.

**35.3.3** Is-Sindku qalet kif hi kienet ser iddur fuq l-idea tat-*telephone box* li tinsab fil-pjazza. Pero staqsiet jekk is-Sa Helen Gauci kelliex risposta dwar l-isponsor li kien interessat fir-rinovazzjoni ta' din it-*telephone box.*

**35.3.4** Is-Sa Helen Gauci qalet kif il-persuna li ser tkun qed tisponsorja dan il-proġett lesta li tiltaqà ma min ser ikun qed jagħmel ix-xogħol ta' restawr fejn irid ikun hemm preżenti s-Sindku kif ukoll hi. Is-Sa Gauci qalet kif il-persuna lesta li tħallas kollox u direttament lill-persuna li ser tkun qed tagħmel dan ix-xogħol.

**35.3.5** Is-Sa Meli fakret lill-Kunsill kif din it-*telephone box* ma kienitx propjeta tal-Kunsill imma ta' terzi li f'dan il-każ kienu tal-GO. Hi qalet kif din it-talba kienet ġiet mgħoddija lill-avukat tal-Kunsill għal parir dwar dan u kif peress li din hija ta' terza, u ma jidhirx li għandu jkun hemm problema dwar dan. Hi qalet ukoll kif l-kwotazzjoni trid titranġa peress li kienet indirizzata lill-Kunsill u kif f'dan il-każ trid tinħareġ direttament fuq il-persuna li ser tiffinanzja dan il-proġett. Hi spjegat li l-Kunsill ser ikun biss preżenti biex jikkordina bejn iż-żewġ persuni kkonċernata fuq dan il-progett.

**35.3.6** Is-Sa Helen Gauci qalet kif din ma kelliex tkun problema u żiedet tgħid ukoll kif irid ikun hemm miktub li dan ir-restawr kien sar permezz ta' fondi mgħotija mingħand din il-persuna.

**35.3.7** Is-Sa Meli staqsiet jekk din il-persuna ikkonfermatx li ser tkun qed tħallas it-total sħiħ ta' l-ispejjeż peress li kien għaddha ż-żmien u l-kwotazzjoni kienet ġiet riveduta.

**35.3.8** Is-Sa Helen Gauci ikkonfermat li ser ikun qed jiġi mħallas l-ammont sħiħ.

**35.3.9** Is-Sa Meli ipproponiet li l-fondi mgħotija mir-Reġjun ta' €15,000 jistgħu jintużaw sabiex jiġu nstallati kameras fl-entraturi, ħruġ u anke fil-lokalità sabiex ikun hemm aktar sigurtà. Hi spjegat kif il-Kunsill ma jistax ipoġġi uffiċċjali biex ikunu preżenti f'kull ħin, imma hekk ikun qed isir monitoraġġ. Għal din ir-raġuni, hi saqsiet l-opinjoni tal-Kunsilliera preżenti.

**35.3.10** Is-Sa Helen Gauci staqsiet min ser ikun responsabbli li jsegwi dawn il-kameras u l-ħlas involut dwar dan.

**35.3.11** Is-Sa Meli qalet kif dawn ikunu jistgħu josservawhom l-aġenzija, LESA, u jekk ikun hemm bżonn ta' xi filmat minħabba każ, ikollhom ukoll aċċess l-awtoritajiet. Is-Sa Meli spjegat ukoll li l-Kunsill ma jkollux spejjeż ħlief li jipprovdi l-internet u l-Kunsill jieħu 10% fuq kull ċitazzjoni li tingħata jekk tiġi mħalsa fil-Kunsill. Hi qalet li ser tkun qed tikseb aktar informazzjoni dwar kif din tiġi operata u tinforma lill-Kunsill.

**35.3.12** Il-Kunsilliera, Christopher Fenech, qal kif din hija bżonjuza ħafna.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**35.3.13** Il-Kunsilliera, is-Sa Marilena Gauci, qalet kif fl-opinjoni tagħha dawn il-flus jistgħu jintnefqu fuq proġetti oħra.

**35.3.14** Is-Sindku nfurmat li dan ma kienx ifissir li jsir dan il-proġett biss mill-fondi msemmija.

**35.3.15** Id-DSE spjegat kif fis-snin preċedenti r-Reġjun Lvant kien joħroġ skemi finanzjarji pero kienu jkunu marbuta ma tema bħal kultura, jew sports, etc. Hi spjegat kif l-iskema li kienet maħruġa din is-sena kienet waħda b'ammont ikbar u mingħajr parametri biex il-Kunsill ikun aktar liberu jressaq proġett li hu ta bżonn fil-lokalità. Hi żiedet tgħid ukoll kif il-proġett irid ikun wieħed tanġibli u li jrid ikun hemm jidher l-emblema tar-Reġjun sabiex in-nies ikunu nfurmata li dan il-proġett kien sar permezz tal-fondi mgħotija mir-Reġjun. Hi qalet ukoll kif idealment dawn il-fondi m'għandhomx ikunu fuq attivitajiet.

**35.3.16** Is-Sa Meli qalet kif il-fondi tal-LESA jistgħu japplikaw sabiex ikollhom il-vann, peress li ma kienx hemm kofinanzjajament.

**35.3.17** Id-DSE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill kif il-fond tal-LESA jkopri biss 80% tal-proġett u mhux kollox.

**35.3.18** Is-Sa Helen Gauci staqsiet jekk il-fondi li ser jingħataw mir-Reġjun Lvant jintużaw biex ikopru l-ispejjeż tal-vann mill-fondi tal-LESA, u b'hekk l-ispejjeż ikunu kollha koperti. Hi qalet kif wara kollox dan ser ikun għall-użu tar-residenti u jkun jgħamel ħafna sens għax ser ikun ta' sostenn għal komunità u jistà jibqa jintuża għal diversi snin.

**35.3.19** Is-Sa Helen staqsiet min ser ikun responsabbli mill-manutenzjoni ta' dawn il-kameras.

**35.3.20** Is-Sa Meli qalet kif l-aħjar tinġabar l-informazzjoni eżatt pero sa fejn kienet infurmata, l-Kunsill ikun mgħoti persentaġġ miċ-ċitazzjonijiet li jingħataw u b'hekk tkun tistà tmantni l-manutenzjoni tagħhom. Għal din ir-raġuni kien hemm qbil li jkun hemm talba ta' kjarifika lill-LESA.

**35.3.21** Is-Sa Meli qablet mal-punti mressqa mis-Sa Gauci u spjegat kif bħala Kunsill qed jaraw li l-fondi jintużaw sabiex bħal vann ikun assi tal-Kunsilli u ma jibqax b'kirja li qed tkun ta' piż kull xahar fuq il-finanzi tal-Kunsill. Hi qalet ukoll kif ikun importanti li jkun hemm aċċess għal min ikollu bżonn jitlà bil-*wheelchair*.

**35.3.22** Is-Sa Meli ipproponiet li tiġi mressqa talba ħabba l-fondi li kienu ntilfu għal skema finanzjarja li kienet inħarġet. Hi qalet kif jekk ma tiġi mgħotija din l-approvazzjoni, l-Kunsill jara jistax idur fuq l-iskema finanzjarja maħruġa mill-LESA.

**35.3.23** Kien hemm qbil li tiġi mressqa talba lir-Reġjun sabiex il-fond ta' €15,000 parti minnha tintuża għall-finanzjament tal-vann u l-kumplament sabiex jsiru kameras skond l-informazzjoni mgħotija.

**35.3.24** Is-Sa Meli infurmat kif Transport Malta kien għaddej evalwazzjoni ta' l-immaniġjar tat-traffiku.

**35.3.25** Is-Sa Meli infurmat lill-Kunsilliera preżenti kif l-avukat tal-Kunsill kien avviċina lill-avukat Dr Giglio li qed jirrappreżenta lis-Sa Helen Gauci fuq il-każ tal-*Boxing Tournament* biex tiġi stabilita d-deċiżjoni dwar il-ħlas. Hi fakkret lill-Kunsill li d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali ser jgħin lill-

Kunsill biex jgħati l-ammont f'self sabiex il-Kunsill ikun jistà jħallas lura lil organizzaturi tal-*Boxing Tournament* li kien sar fl-2024.

**35.3.26** IS-Sa Meli qalet kif l-avukat tas-Sa Gauci kien wieġeb li ser ikun hemm kuntratt ta' kif ser ikunu qed jiġu mgħoddija l-ħlas. Hi qalet kif din it-tweġiba ġiet mgħoddija lid-Diviżjoni fejn bħala Kunsill ġie nfurmat li r-*repayment* irid isir lill-Kunsill Lokali u mhux direttament lid-Diviżjoni.

**35.3.27** Is-Sa Helen Gauci infurmat kif l-avukat tagħha ser ikun qed jitkellem ma' l-avukat tal-Kunsil.

**35.3.28** Is-Sa Meli ħadet nota ta' dan u qalet kif il-Kunsill ser ikun qed isegwi d-direzzjoni li tingħata mill-avukat tal-Kunsill sabiex jara li dan ir-*repayment* isir u dan ma jibqax jidher bħala dejn lill-Kunsill.

## 35.4 Tweġibiet mill-Kunsilliera

**35.4.1** Is-Sindku nfurmat kif id-DSE ma kinitx irċiviet domandi permezz ta' emejls mill-Kunsilliera preżenti u qabel ma tistaqsi lill-Kunsill jekk kellhom domandi hi nfurmat lill-Kunsilliera kif is-sejħa għall-għamara tat-Triq kienet ġiet evalwata u konkluża. Hi spjegat kif il-Kunsill dar mal-Kuntrattur magħżul il-lista ta' xogħolijiet pendenti u kif, minħabba finanzi, il-Kunsill qed jistenna kwotazzjonijiet tax-xogħol mitluba peress li l-finanzi tal-Kunsill ma jippermettux li x-xogħolijiet isiru kollha f'salt. Hi infurmat li din il-lista trid issir skond il-prijorità.

**35.4.2** Is-Sa Helen xtaqet titlob aġġornament dwar il-bozza li hi kienet irrappurtat fi Vjal ir-Repubblika.

**35.4.3** Is-Sindku infurmat kif dik kienet ġiet irrappurtata.

**35.4.4** Is-Sa Gauci għamlet referenza għal talba mir-residenti sabiex issir bozza oħra fil-kantuniera fil-31 ta' Marzu qabel ma wieħed jidħol għat-Triq li hi magħluqa.

**35.4.5** Il-Kunsilliera approvaw din it-talba.

## 35.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħolijiet

**35/05/01** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, infurmat kif dan il-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mingħand il-Perit ta' l-Għaqda tan-nar fejn kienet qed tiġi mressqa talba sabiex bħala parti mis-sigurtà tal-kamra tan-nar, ser ikun qed jitpoġġa tank ta' l-ilma eżatt barra, maġemb il-grada, ta' l-istess kumpless. Mal-komunikazzjoni kien hemm indikat fejn dan ser jitpoġġa fuq il-mappa. Hi qalet ukoll kif fil-komunikazzjoni kien hemm spjegat kif bħala tank ser ikun mgħotti minn siġar.

35/05/02 Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu għal din it-talba u ma sab l-ebda oġġezzjoni sabiex l-Għaqda tieħu ħsieb li jkollu kollox konforma ma dak li hu stouplat.

35/05/03 Is-Sa Mariah Meli infurmat kif fil-laqgħa tal-Kunsill Lokali Numru 34 kellha tinżamm l-Erbgħa 29 ta' Ottubru, kienu ġew mistiedna l-accountants tal-Kunsill sabiex jiġu ppreżentati r-rapport finanzjarju ta' l-ewwel kwart ta' din is-sena. Hi spjegat kif minħabba nuqqas ta' kworum il-

laqgħa ma saritx u dan ir-rapport ma setax jiġi mressaq u approvat. Għaldaqstant id-DSE kienet talbet lill-Kunsilliera kollha jibgħatu d-domandi tagħhom fuq dan ir-rapport.

35/04/04 Is-Sa Meli spjegat kif wara li kienet intemmet din il-laqgħa, l-accountants taw spjegazzjoni dwar dan ir-rapport peress li kienu xorta preżenti.

35/04/05 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mressqa u għal din ir-raġuni dan ir-rapport ġie approvat mod unanimu mill-membri preżenti.

35/04/06 Is-Sa Meli nfurmati li r-rapport finanzjarju tat-tieni kwart ta' dan is-sena kien kważi lest u ser ikun qed jiġi ppreżentat fil-laqgħa li jmiss. Hi qalet ukoll kif l-awditjar għas-sena 2024 kien beda minn nhar it-Tnejn 27 ta' Ottubru 2025.

35/04/07 Is-Sa Meli għamlet referenza għall-Kumitat tal-Finanzi u qalet kif bħala Kunsill kienu qed jistennew risposta mingħand il-kumpanija ta' l-accountants tal-Kunsill sabiex jinħatar accountant minn naħa tagħhom u jkun parti minn dan il-Kumitat. Hi fakkret kif dan il-Kumitat huwa kompost minnha, flimkien mal-Viċi Sindku, is-Sa Francesca Attard, id-DSE u peress li ħadd ma hu kwalifikat fl-accounts, il-liġi titlob li jkun hemm accountant.

35/04/08 Is-Sa Meli infurmat kif bħala Kunsill kienet inżammet laqgħa mad-Direttur tal-Finanzi u *Procurement*, is-Sa Clare Bugeja, u kien hemm direzzjoni sabiex il-Kunsill jipprepara pjan ta' baġit għat-tliet snin li ġejjin u rapport mitlub minnhom. Hi spjegat kif dawn ir-rapporti jridu jaslu għandha sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Novembru. Is-Sa Meli qalet kif bħala Kunsill ser jrġgħu jikkomunikaw magħhom li l-Kunsill kien għadu qed jistenna mill-kumpanija ta' l-accountants sabiex jaħtru l-persuna minn naħa tagħhom.

35/04/09 Is-Sa Gauci qalet kif il-Gvern għandu jżid l-allokazzjoni finanzjarja mhux titnaqqas kif kien għadu kif ppropona fil-baġit li kien imħabbar ftit tal-ġranet qabel din il-laqgħa.

35/04/10 Is-Sa Meli qalet kif il-Kunsill irid jara kif ser iħallas l-ammonti kbar dovuta lill-kredituri tal-Kunsill.

35/04/11 Is-Sa Gauci kif ukoll is-Sa Galea staqsew fiex kienu ntnefqu l-flus u kif kull spiża li kienet saret kienet kollha għar-raħal u għan-nies.

35/04/12 Is-Sa Meli qalet kif il-Kunsill irid jistenna r-rapport li jinħareġ mill-awditjaw li jkun sar fuq is-sena 2024. Hi qalet ukoll kif kien hemm spiża kbira fuq l-ospitalità u kif kien qed isir pagament sostanzjali fuq is-servizz tal-knis u kif saħansitra kienet ġibdet l-attenzjoni dwar dan mill-ewwel meta kienet Minority Leader fil-Kunsill.

**35/04/13** Is-Sa Gauci ma qablitx mas-Sa Meli u spjegat kif issa dan is-servizz kien tneħħa mir-resposabilità tal-Kunsill peress li dan is-servizz kien qed isir mill-Cleansing Services Department.

**35/04/14** Is-Sa Meli fakret fil-kuntratt li kien iffirmat u spjegat kif il-*Projects Manager* ta' dan il-kuntratt isejjaħ lill-Kunsill u kif l-awtonomija tal-Kunsill għadha hemm.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**35/04/15** Is-Sa Gauci qalet kif lanqas il-ġbir taż-żibel ma kien għadu f'idejn il-Kunsill.

**35/04/16** Is-Sa Meli qalet kif ir-responsabilità taż-żibel xorta kienet għadha f'idejn il-Kunsill u kif kienet deċiżjoni tal-Kunsill sabiex il-ġabra terġa tibda ssir filgħodu u mhux filgħaxija.

**35/04/17** Is-Sa Gauci qalet kif din ma kinitx deċiżjoni tar-Reġjun u spjegat kif meta il-ħin kien inqaleb għall-filgħaxija ma kienitx xewqa tal-Kunsill imma għax dak iż-żmien il-kuntrattur ma kellux il-makkinarju u n-nies biżżejjed biex jipprovdi s-servizz fil-ħin li kien suppost u kien qed jispiċċa jitħalla ż-żibel barra sa tard filgħodu.

**35/04/18** Is-Sa Meli qalet kif issa ninsabu fil-preżent u rridu nkomplu nħarsu 'l quddiem.

**35/04/19** Is-Sa Meli spjegat kif id-direzzjoni mgħotija mingħand is-Sa Bugeja kien li baġit għas-sena 2025 ma kienx hemm bżonn li jsir peress li s-sena kienet waslet fit-tmien tagħha. Hi qalet kif il-Kunsill għandu jgħamel mezz li jgħalaq is-sena finanzjarja 2025 mad-dati ta' l-għeluq kif stipulat u jara li jiġi ppreparat baġit tajjeb għas-sena 2026.

**35/04/20** Is-Sa Meli nfurmat kif wieħed mill-ilmenti kien qed jirreferi għal waqt il-ħin ta' filgħodu, bejn is-6:30 ta' filgħodu sad-9 ta' filgħodu ikun hemm ftehim mal-ħwienet sabiex waqt dan il-ħin ma jsirux *deliveries* lejn dawn il-ħwienet. Hi ssuġġeriet li l-Kunsill għandu jgħamel laqgħa ta' konsultazzjoni mal-ħwienet li jinsabu fil-lokalità.

**35/04/21** Is-Sa Gauci qalet kif il-problema tat-traffiku fil-ħin ta' filgħodu ma kinitx din imma hija problema mit-traffiku li qed jiġi mit-telgħa ta'Alla u Ommu u jgħaddi kollu minn ġol-Għargħur. Hi qalet kif fil-lokalità hemm numru verament żgħir li żgur mhux qed jaffetwa l-problema li qed ikun hemm.

**35/04/22** Is-Sa Meli spjegat kif kien qed ikun hemm *hot spots* viċin ċerta ħwienet li mhux qed jgħinu s-sitwazzjoni u jkun hemm ostakolazzjoni. Hi spjegat li hi kienet biss qed tressaq l-ilment li kien wasal għand il-Kunsill kif ukoll bis-suġġeriment u spjegat kif hi ma kienitx ser tieħu l-ebda deċiżjoni qabel ma tkun inżammet laqgħa ta' konsultazzjoni mas-sidien tal-ħwienet.

**35/04/23** Is-Sa Helen Gauci infurmat kif hi tixtieq li kulħadd ikun preżenti għal meta tiġi msejħa l-laqgħa b'konsultazzjoni mas-sidien tal-ħwienet fil-lokalità.

**35/04/24** Is-Sa Meli ressqet komunikazzjoni oħra dwar Triq Santa Katerina, fejn qed ikun hemm problemi anke b'vetturi kbar ħafna li qed jgħamlu ħsara lill-ħitan tas-sejjieħ ukoll.

**35/04/25** Is-Sa Meli qalet kif hi kienet qed tipproponi li titwaħħal tabella fejn tgħid li vettura tgħaddi biss minn din it-Triq jekk ikollha bżonn tagħmel servizz u sabiex il-Kunsill iġib parir mingħand Transport Malta.

**35/04/26** Is-Sa Galea espremiet li hi ma kinitx qed taqbel ma dan is-suġġeriment.

**35/04/27** Inżammet diskussjoni bejn il-Kunsilliera dwar dan is-suġġeriment u kien hemm qbil sabiex il-Kunsill iġibu direzzjoni mingħand Transport Malta umbad din id-diskussjoni flimkien ma' l-informazzjoni mgħotija minn Transport Malta terġa tiġi diskussa sabiex umbad il-Kunsill ikun jistà jieħu deċiżjoni.

**35/04/28** Is-Sa Meli ressqet fuq il-mejda komunikazzjoni oħra li dan il-Kunsill kien irċieva minħabba parkeġġ ħażin li kien qed ikun hemm ta' kuljum fejn Galea Supermarket u kif dan ir-rapport kien sar diversi drabi għal diversi snin u sabiex ikun hemm anke kameras ta' sorveljanza.

35/04/29 Is-Sa Gauci espremiet li l-problema ġejja minn nies li qed jipparkjaw ħazin u mhux mis-sid tal-ħ anut peress li l-ħanut jipprovdi parkeġġ għall-klijenti li jgħamlu użu mill-ħanut.

**35/04/30** Is-Sa Meli qalet li din tirrikjedi l-għajnuna ta' l-uffiċjali ta' l-infurzar.

**35/04/31** Is-Sa Meli infurmat kif dan il-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mid-Dipartiment dwar informazzjoni fuq l-*outdoor gyms* li jinsabu fil-Għargħur kif ukoll sabiex jistaqsu jekk il-Kunsill kienx interessat li jkollu *outdoor gym* ieħor.

**35/04/32** Il-Kunsilliera lkoll qablu li fil-preżent kien hemm tnejn u kif dan kienu biżżejjed għal din il-lokalità.

**35/04/33** Id-DSE infurmat kif il-kuntratt ta' impjieg tal-ħaddiem, is-Sur Alfred Cuschieri, kien ser jiskadilu fil-bidu tas-sena 2026. Hi spjegat kif is-sena li għaddiet is-Sur Curchieri kien leħaq l-età ta' l-irtirar u kif qed jerġa jitlob sabiex l-impjiet tiegħu jerġa jiġi mġedded għal perjodu ta' sena oħra.

**35/04/34** Il-Kunsilliera preżenti ma sabu l-ebda oġġezzjoni sabiex il-kuntratt jiġi mġedded għal sena oħra.

**35/04/35** Id-DSE għamlet referenza għal ħaddiem ieħor fil-Kunsill, is-Sur Kevin, fejn spjegat kif dan jingħata *performance bonus* u kif il-kumpanija kienet qed titlob dan ir-rapport mingħand il-Kunsill. Hi spjegat kif fis-snin preċedenti l-persentaġġ kien ikun taħt dak mitlub u b'hekk ma kienx qed jinħareġ ħlas mill-Kunsill għal dan il-performance. Hi spjegat kif dan ir-rapport kien għall-ewwel perjodu ta' din is-sena u kif hi ħassitha aktar komda li dan ir-rapport jiġi l-ewwel diskuss waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

**35/04/36** Inżammet diskussjoni qasira dwar dan u spjegat kif bil-limitazzjonijiet tagħhom dejjem sabet l-għajnuna tagħhom kollha meta kienet mitluba.

**35/04/37** Il-Kunsilliera ħallew f'idejn id-DSE sabiex tevalwa aħjar dan il-każ u tieħu deċiżjoni.

**35/04/38** Is-Sa Meli għamlet referenza għal-European Youths Mobility fejn il-Kunsill kien kiseb il-fondi meħtieġa u kif il-Kunsill ser ikun qed jiffirma l-kuntratt u f'diskussjonijiet mal-*partners* u jibdew isiru l-preparamenti neċessarji relatati ma' dan il-proġett.

**35/04/39** Id-DSE infurmat kif il-Kunsill kien irċieva talba sabiex jitpoġġew lockers ta' *easypick* fil-lokalità. Madanakollu s-Sa Meli infurmat li ma tarax post adattat għal dawn il-lockers fil-lokalità.

**35/04/40** Is-Sa Meli għamlet referenza għal komunikazzjoni mingħand Focus Europe li hija fond ieħor ta' l-Unjoni Ewropea. Is-Sa Meli qalet kif il-fondi dejjem huma sbieħ pero l-Kunsill kien għadu kif rebaħ il-fondi għal European Youth Mobility fejn infurmat ukoll kif l-applikazzjoni tal-Kunsill ġiet l-ewwel f'Malta u f'Għawdex, u kif fil-preżenti ma hemmx biżżejjed riżorsi umani biex niffukaw fuq proġett ieħor meta anke hemm proġetti u skemi oħra li għandhom bżonn l-attenzjoni tal-Kunsill ukoll.

**35/04/41** Hi kompliet tgħid kif dawn l-istess servizzi qed jingħataw b'xejn mingħand SEM u għal din ir-raġuni.

**35/04/42** Is-Sa Meli qrat komunikazzjoni li l-Kunsill kien irċieva mingħand is-Sur Joseph Tanti sabiex joffru l-użu tal-pool ta' Sport Malta għar-residenti. Kien hemm qbil li tintalab aktar informazzjoni dwar dan.

## 35/07 Kuntratti, Tenders u MOUs

**35/07/01** Is-Sa Meli għamlet referenza għal-kuntratt li l-Kunsill kien ressaq fil-laqgħa preċedenti sabiex isir studju fuq il-Għargħur flimkien ma' l-istudenti mill-Università ta' Malta. Hi infurmat kif il-kuntratt kien ġie evalwat mill-avukat tal-Kunsill u kien hemm qbil sabiex il-finanzjament għal dan il-proġett ikun ta' €800 u mhux €1,000, fejn l-ewwel €400 ser jingħataw malli jiġi ffirmat il-

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

kuntratt u l-€400 oħra jingħataw meta l-istudju jkun lest. Hi qalet ukoll kif il-premju lill-istudenti baqa l-istess.

**35/07/02** Il-Kunsilliera ma sabu l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

**35/07/03** B'referenza għas-sejħa għal proġett ta' Għaxqet l-Għajn, is-Sa Meli infurmat kif dan ser ikun ippublikat fuq is-sistema fil-ġranet li ġejjin.

**35/07/04** B'referenza għas-sejħa tas-servizz tal-ġbir ta' skart goff, is-Sa Meli infurmat kif din is-sejħa kienet ġiet ippublikata.

**35/07/05** B'referenza għas-sejħa ta' *street furniture,* is-Sa Meli infurmat kif dan kien magħluq u evalwat u kien magħluq.

## 35.8 Postijiet Vakanti

- ***Sejħa biex timtelà pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur***

**35/08/01** Is-Sa Meli infurmat li dan il-Kunsill kif id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali kien ħareġ din is-sejħa nhar il-Ġimgħa 17 ta' Ottubru 2025 fil-gażżetta tal-Gvern. Għal din ir-raġuni l-Kunsill qed jistenna direzzjoni minn naħa tad-DGL wara li l-applikazzjonijiet ikunu għaddew minn proċess ta' evalwar.

- ***Clerk, Scala 15, Part Time***

**35/08/02** B'referenza għal din il-pożizzjoni, is-Sa Meli infurmat kif din is-sejħa kienet għalqet nhar il-Ġimgħa 10 ta' Ottubru 2025 u kif b'kollox dan il-Kunsill kien irċieva ħames applikazzjonijiet. Hi spjegat kif l-applikanti ġew mitluba jipprovdu kopji taċ-ċertifikati tagħhom.

**35/08/03** Is-Sa Meli spjegat kif il-bord kien iltaqa nhar il-Ħamis 16 ta' Ottubru 2025 u kien ġie deċiż li tintabal direzzjoni dwar kwalifikazzjonijiet ta' waħda mill-applikanti mingħand Jobsplus u kif il-kumplament ma kienux provdew kopji taċ-ċertifikati u fis-CV ma dehrux li għandhom il-*mininum qualification requirements.* Is-Sa Meli nfurmat kif għal din ir-raġuni, din is-sejħa kellha terġi tinħareġ.

**35/08/04** Is-Sa Gauci qalet kif kieku l-Kunsill kien ingaġġa lil dik il-persuna li kienet tressqet madwar sitt xhur ilu, kieku sa llum diġa kienet drat tagħmel ix-xogħol tal-Kunsill.

**35/08/05** Id-DSE infurmat kif din is-sejħa kienet ser terġa tiġi ppublikata l-ġimgħa ta' wara din il-laqgħa.

## 35/09 Attivitajiet

**35/09/01** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-ħarġa edukattiva li kienet inżammet lit-tfal sabiex ittieħdu l-Lufthansa Technique, kienet ta success b'attendenza ta' 39 tfal. Hi spjegat kif l-ispiża ta' din il-ħarġa kienet ta' €2.50-il persuna sabiex tiġi koperta l-ispiża tat-trasport. Hi qalet kif qed isir komunikazzjoni ma' l-ECO Centre li huwa Ċentru edukattiv dwar l-immaniġjar ta' l-iskart u dwar l-użu ta' skart riċikabbli sabiex tinżamm ħarġa oħra lit-tfal għal dan iċ-ċentru kemm għaż-żgħażagħ u anke għat-tfal.

| | |
|---|---|
| **35/09/02** | Is-Sa Meli għamlet referenza għall-attività tal-Halloween li kienet inżammet fix-xelter tal-lokalità , mifruxa fuq jumejn u kif kien hemm *sponsorship* ta' €250. Hi spjegat kif din l-attività kienet waħda ta' success. Kien hemm spiża ta' €100 għad-dawl ġox-xelter u kien hemm madwar €150 spiża tal-uffiċċjali tal-LESA. |
| **35/09/03** | Is-Sa Meli nfurmat kif ftit tal-ġranet qabel ma nżamment din il-laqgħa, il-Kunsill kien installa *d-doggy bins* madwar il-lokalità u minħabba l-iskema finanzjarja l-Kunsill huwa mitlub li jorganizza mixja bil-klieb. Hi spjegat kif qedha f'diskussjoni mad-Dipartiment biex tara f'liema perjodu din l-attività tkun tistà tinżamm. |
| **35/09/04** | Is-Sa Meli għamlet referenza għall-avveniment li qed jiġi organizzat mill-Kunsill nhar il-Ġimgħa 5 ta' Diċembru 2025 bl-isem, 'Lejl Imkebbes', infurmat kif kienu nħarġu l-*purchase orders* fuq is-servizzi li kienu meħtieġa għal din l-attività. Hi spjegat ukoll kif id-donazzjonijiet li ser ikunu qed jinġabru waqt din l-attività ser imorru b'risq il-Malta Community Chest Fund Foundation peress li lill-Puttinu Cares kienu diġa taw donazzjoni mid-dħul tal-European Week of Sports u mill-Halloween. |
| **35/09/05** | Is-Sa Gauci staqsiet x'kien ser ikun hemm bħala *entertainment.* |
| **35/09/06** | Is-Sa Meli spjegat kif l-entertainment kien dak skond li kien hemm imniżżel fl-applikazzjoni – Lindsy Pace, Ramires Sciberras, Krista Sujak, il-Banda ta' San Bert u Edel Pace. Is-Sa Meli qalet ukoll kif l-unika ħaġa li kellha tinbidel ħabba l-ispiża, kienet il-ferrovija li kienet ser iddur mar-raħal. Minflok ser ikun qed isir dawra żgħira biż-żwiemel madwar il-lokalità. Id-dħul għal dawn il-*pony rides* ser ikunu qed imorru għall-MCCF. |
| **35/09/07** | Is-Sa Gauci staqsiet min ser ikun qed jieħu ħsieb dawn il-*pony rides* u staqsiet jekk kinitx inħarġet xi sejħa għal dan is-servizz. |
| **35/09/08** | id-DSE infurmat kif hi kienet issuġġeriet li minflok issir il-ferrovija li kienet ser tiswa ħafna flus, jsiru *pony rides* f'distanza qasira madwar il-qalba tal-lokalità. Hi kienet qalet kif peress li kien hawn diversi nies biż-żwiemel, tkun idea tajba li din tingħata kull sena lil xi ħadd differenti biex b'hekk jintlaħaq kull min ikun jixtieq jipparteċipa. |
| **35/09/09** | Is-Sa Meli infurmat ukoll kif kien hemm talba mressqa mingħand Transport Malta sabiex jipparteċipaw f'din l-attività peress. Hi spjegat kif ser ikun hemm preżenti l-mascot tagħhom u fejn wieħed jistà jieħu ritratti miegħu flimkien ma' *backdrop* u mutur. |
| **35/09/10** | Is-Sa Meli qalet kif hi offriet kemm lill-Community Police kif ukoll lill-FSWS sabiex tara jekk jixtiequx jipparteċipaw waqt din l-attività bl-istess mod li ser ikun hemm minn TM. |
| **35/09/11** | is-Sa Gauci reġgħet għamlet referenza għad-dawriet miż-żwiemel u staqsiet jekk dawn ikunx hemm bżonn permess mingħand l-Annimal Welfare. |
| **35/09/12** | Is-Sa Meli qalet li ser ikunu qed jivverifikaw li jimxu ma kif inhu mitlub. |
| **35/09/13** | Is-Sa Gauci staqsiet jekk kinitx inħarġet xi sejħa sabiex ikun hemm it-tiżjin tal-Milied fit-toroq tal-Għargħur. |
| **35/09/14** | Is-Sa Meli qalet li kienet inħarġet sejħa għall-kwotazzjonijiet u kif dan kien ġie ppreparat li jkun imressaq fil-laqgħa numru 34 u l-Kunsill kellu jipproċedi minħabba ż-żmien. |
| **35/09/15** | Id-DSE ressqet fuq il-mejda l-kwotazzjonijiet miġbura wara li kienu nħarġu żewġ sejħiet biex ikopru żewġ żoni differenti lil tliet forrnituri differenti. Hi spjegat kif kienu magħżula l-orħos. |

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**35/09/16** Is-Sa Meli spjegat kif minħabba l-*financial procurement* il-Kunsill ħareġ żewġ sejħiet differenti u ser ikun qed jinħadmu mingħand żewġ kuntratti.

**35/09/17** Is-Sa Meli infurmat kif flimkien ma' l-FSWS qed tiġi organizzata *Movie Night* nhar il-Ġimgħa 19 ta' Diċembru 2025.

**35/09/18** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-avveniment li qed jiġi organizzat mill-Kunsill Reġjonali Lvant bl-isem ''O Holy Nights – Chapel Trail' fejn waħda mill-waqfiet ta' din l-attività ser tkun fix-xelter tal-gwerra tal-Għargħur u fejn fiha ser tiġi organizzata reċta qasira mill-attur Jeremy Grech flimkien ma nies oħra. Hi nfurmat li l-Kunsill mhux ser ikollu l-ebda spejjeż għal din l-attività.

**35/09/19** Kien hemm qbil dwar dan mill-Kunsilliera preżenti.

## 35/10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

**35/10/01** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Aġenda. Hi infurmat ukoll kif għal din il-laqgħa kienu qed jiġu mressqa żewġ skedi peress li l-iskeda li kienet imressqa fil-laqgħa numru 34 ma kinitx ġiet approvata peress li l-laqgħa li ma kinitx inżammet.

**35/10/02** Il-mozzjoni ġiet approvata fuq proponet tas-Sur Christopher Fenech u sekondant mis-Sa Marilena Galea

**35/10/03** Id-DSE ressqet il-Petty Cash u din ġiet approvata mill-Kunsilliera preżenti.

## 35.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**35/11/01** Il-laqgħa spiċċat fis-19:00p.m. wara li l-*items* fuq l-Aġenda ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn 24 ta' Novembru 2025 fil-5:00p.m.

**35/11/02** Kien hemm qbil ukoll sabiex il-laqgħa f'Diċembru 2025 issir nhar it-Tnejn 15 ta' Diċembru 2025, fil-5:30p.m. u wara tinżamm l-ikla tal-Milied.

**Mariah Meli**
**Sindku**

**Jeanette Galea**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**